# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Marzu, 2017.**

**Rikors Numru 591/2011 SM**

**Dolores Scicluna (ID 494278M)**
**f'isimha proprio u ghan-nom u in**
**rapprezentanza ta' binha minuri**
**Josmar Scicluna**

**vs.**

**Jeremy Cilia (ID 496579M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-21 ta' Gunju, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti *proprio et nomine* sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi hi armla ta' Jesmond Scicluna, (ara foll 6);

1.2. Illi hi wkoll omm Josmar Scicluna miz-zwieg taghha mal-fuq imsemmi Jesmond, (ara foll 7);

1.3. Illi l-imsemmi Jesmond miet f'incident li sehh fil-11 t'April, 2010, fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug (ara foll 1), ghalkemm fic-certifikat tal-mewt tal-istess Jesmond hemm minflok indikat li miet fl-14 t'April, 2010, f'Tal Qroqq l-Imsida, (ara foll 8);

1.4. Illi ghall-incident *de quo* hu responsabbli l-intimat, li b'imperizja, traskuragni, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna l-istess incident waqt li kien qed isuq il-vettura AAQ – 614;

1.5. Illi ghalhekk l-intimat hu responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti *proprio et nomine*;

1.6. Illi *nonostante* li interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni daparti tar-rikorrenti, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk adixxiet din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimat hu responsabbli ghall-incident fatali li sehh fil-11 t'April, 2010, fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug, li fih tilef hajtu Jesmond Scicluna;

1.7.2. Tiddikjara li l-intimat hu unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti *proprio et nomine* rizultat tal-imsemmi incident;

1.7.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti *proprio et nomine*, okkorrendo bin-nomina ta' periti *nominandi*, liema danni jeccedu hdax- il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro seba' u tmenin centezmu, (€11,646.87);

1.7.4. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* id-danni hekk likwidati;

1.7.5. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimat;

2.0. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 t'Awwissu, 2011, li permezz tieghu:

2.1. Appuntat l-istess procedura ghad-data hemm indikata, (ara foll 9);

2.2. Indirizzat lill-partijiet involuti fil-procedura li ghandhom jadoperaw fir-rigward, (ara foll 10);

3.0. Rat ir-risposta datata t-22 ta' Settembru, 2011, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 14):

3.1. Illi mhux il-legittimu kontradittur *stante* li ma kien involut fl-ebda incident izda kien biss prezenti fuq il-post meta sehh l-istess incident;

3.2. Illi l-vettura misjuga minnu kienet stazzjonarja u ma sofriet l-ebda hsarat;

3.3. Illi ma jahtix ghall-incident in dizamina;

3.4. Illi ghalhekk mhux responsabbli ghad-danni rikjamati mir-rikorrenti mir-rikorrenti *proprio et nomine*;

3.5. Illi l-istess rikorrenti ghandha taghti prova tad-danni reklamati u dwar ir-rabta bl-istess mad-*"decuius"*;

3.6. Illi l-intimat m'ghandux x'jaghti lill-istess rikorrenti;

3.7. Illi l-pretensjonijiet tal-imsemmija rikorrenti huma infondati;

3.8. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez;

3.9. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-30 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu innominat assistent gudizzjarju biex tassisstiha, (ara foll 25 u 26);

5. Rat id-digriet taghha kif preseduta datat iz-17 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzaw lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 215);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *proprio et nomine* datata l-24 t'Awwissu, 2016, (ara foll 218), flimkien ma' dik tal-intimat datata l-4 t'Ottubru, 2016, (ara foll 234);

7. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti, inkluzi l-atti tal-inkjesta annessa fil-process *de quo* mir-rikorrenti *proprio et nomine*, (ara foll 258 *et sequitur*);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi l-incident in dizamina li fih miet Jesmond Scicluna sehh fil-11 t'April, 2010, fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug ghall-habta tas-12.45 p.m. (ara foll 46);

9.2. Illi l-vetturi involuti fl-imsemmi incident kienu trakk li jintuza ghall-vjaggi tal-gebel bin-numru DAJ – 696 misjuq mid-direzzjoni tas-Siggiewi ghal Haz Zebbug, u mutur Honda bin-numru HNT – 919 misjuq fid-direzzjoni apposta, (ara foll 46);

9.3. Illi rizultat tal-istess incident l-imsemmi Jesmond Scicluna miet, (ara foll 8);

9.4. Illi rizultat tal-istess ir-rikorrenti *proprio et nomine* titlob li l-intimat involut fl-istess incident li kien qed isuq it-trakk fuq riferit jigi ikkundannat ihallas d-danni likwidati, (ara foll 2);

9.5. Illi min-naha tieghu l-intimat jirrespingi tali talbiet u jirrispondi li mhux il-legittimu kontradittur;

Ikkunsidrat:

10. Illi ssir riferenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Francis Busuttil vs. Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks,*** datata d-***9 ta' Dicembru, 2002***, li tghid li:

> "F'azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz, l-imputabilita` ta' dan il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt. Il-qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentement il-provi biex tara jekk l-attur iddisimpenjax ruhhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox, u fl-ewwel lok, irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenut *nomine"*;

11.0. Illi fir-rigward tal-htija indirizzata mir-rikorrenti *proprio et nomine* issir ukoll riferenza ghall-artikli ***1031 sa 1033 tal-Kodici Civili*** li sintetikament jistabbilixxu s-segwenti:

11.1. Illi hu fi htija min ma juzax il-prudenza, d-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja;

11.2. Illi kull min, bil-hsieb jew minghajr il-hsieb li jaghmel id-deni – ghax irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza, jew ta' hsieb, jikser xi dmir impost mill-ligi, hu obbligat li jhallas il-hsara li tigri minhabba f'hekk;

11.3. Illi pero`, hadd ma jwiegeb ghal hsara li tigri b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar jekk ma jkunx hemm disposizzjoni espressa tal-ligi fir-rigward;

Ikkunsidrat:

12. Illi stabilit is-suespost ghandu issa jigi indirizzat jekk tirrizultax xi negligenza jew imprudenza fis-sewqan tal-intimat u tas-sinistrat *decuius* li wasslet ghall-incident fatali in dizamina;

13.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi l-incident in dizamina sehh fit-triq fuq indikata fil-11 t'April, 2010, ghall-habta tas-12.45p.m. (ara foll 46);

13.2. Illi l-intimat kien qed isuq it-trakk hemm indikat, waqt li s-sinistrat kien qed isuq il-mutur hemm ukoll indikat, (ara foll 46);

13.3. Illi l-espert tat-traffiku nominat mill-Magistrat Inkwirenti irrelata bil-mod segwenti, *nonostante* dak li jsosstni l-intimat fir-risposta tieghu, (ara foll 14 u foll 36 tar-relazzjoni ta' Mario Buttigieg):

> "Illi fl-opinjoni tal-esponent hemm element kbir ta' traskuragni fuq in-naha ta' Jeremy Cilia fejn irrizulta li huwa ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega meta hu hareg minn fuq l-*istop sign*;
>
> "Illi min-naha l-ohra l-esponent qieghed umilment jikkonkludi li min-naha ta' Jesmond Scicluna jirrizulta li kien hemm velocita` gholja li hu kien qed isuq il-mutur tieghu";

13.4. Illi a foll 7 tal-Process Verbal redatt mill-istess Magistrat Inkwirenti kolpit bl-investigazzjoni in dizamina, l-istess Magistrat Inkwirenti ikkonkluda li:

> "Jidher illi hemm element kbir ta' traskuragni fuq in-naha ta' Jeremy Cilia fejn irrizulta li huwa ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega meta hu hareg minn fuq l-*istop sign*;
>
> "Min-naha l-ohra, min-naha ta' Jesmond Scicluna jirrizulta li kien hemm velocita` gholja waqt li hu kien qed isuq il-mutur tieghu";

13.5. Illi fl-istess Process Verbal in dizamina jirrizulta wkoll is-segwenti, (ara foll 263);

> "...illi Jesmond Scicluna kien ghaddej b'velocita` ta' mija u wiehed kilometru fis-siegha; u

Ikkunsidrat:

14.0. Illi dwar ir-***responsabbilita` tal-intimat Jeremy Cilia*** jinghad sintetikament is-segwenti:

14.1. Illi l-intimat Cilia kien qed isuq vettura tal-marka Maruti bin-numru AAQ – 614, fit-triq sekondarja li fl-incident in dizamina "ma ntmessitx", (ara foll 263);

14.2. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***Fabrizio Gatt vs. Emanuel Ciantar***, datata t-***28 t'April, 2003***, il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** issosstni s-segwenti fir-rigward ta' sewwieq ta' triq sekondarja:

> "i. li jaccerta ruhhu li t-triq li jkun irid jidhol fiha hi libera;
>
> ii. li jcedi, u ma jfixkilx it-traffiku fuq il-*main road*;
>
> iii. li jimxi *dead slow* u sahansitra jieqaf biex u sakemm, jaccerta ruhhu li jista' johrog bla hsara";

14.3. Illi in vista tal-premess ghandu ghalhekk ikun pacifiku li qabel ma l-intimat Cilia seta' jidhol fit-triq principali hu kellu l-ewwel jieqaf ghal kollox u jizgura ruhhu li t-triq principali kienet libera biex hu jkun jista' jidhol fiha minghajr ma jkun ta' perikolu ghal hadd;

14.4. Illi ghalhekk, bhala *side road user* l-intimat Cilia kien obbligat jieqaf u jizgura ruhhu li t-triq principali kienet libera;

14.5. Illi minkejja dan l-obbligu, mill-analizi tar-rizultanzi jirrizulta li l-istess intimat ma agixxiex b'dan il-mod biex rizultat tal-istess, holoq ostaklu ghal Scicluna li

minhabba f’hekk kien kostrett imur fuq il-karreggjata opposta;

14.6. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell (Inferjuri)*** fl-ismijiet ***GasanMamo Insurance Limited vs. Raymond Vella*** datata t-***22 ta’ Gunju, 2005***, li ssosstni li:

> “...min ikun hiereg minn *side street* ghal *main road* ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-*main road*, u li jieqaf ghal kollox jew johrog *inching out*, u jassigura li t-triq hi libera. Is-*side road user* ghandu juza grad ta’ diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax il-manuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha.
>
> “Min dawn il-principji u konsiderazzjonijiet titnissel certament il-presunzjoni, li tibqa’ dejjem sintendi *juris tantum* illi l-*main road user*, *una volta*, kellu d-dritta, kellu jitqies li ma kienx responsabbli ghall-incident sakemm is-*side road user* ma jippruvax illi l-*main road user* seta’ jigi kwalifikat bhala *main road user*. Dan ifisser li kien jinkombi fuq il-konvenut illi jgib prova adegwata li l-kawza prossima tal-kollizjoni kienet ghal kollox jew in parti dovuta ghan-negligenza fis-sewqan tal-*main road user*, inkella jekk ma jirnexxilux jaghmel dan, il-*main road user* jibqa’ sostenut mill-precitata presunzjoni”

Ikkunsidrat:

15. Illi mill-analizi tar-relazzjonijiet peritali fil-Process Verbal in dizamina jirrizulta li s-sinistrat Scicluna kie qed isuq fit-triq principali u li l-intimat Cilia kien qed isuq fit-triq sekondarja – liema triq tirrizulta hekk designata anke mill-i*stop sign* li fiha, (ara foll 386);

16.0. Illi f’dan ir-rigard issir referenza ghar-regolamenti numri 91 u 94 tal-*Highway Code* li rispettivament jiddeskrivu bi kjarezza d-doveri inkombenti fuq is-*side-road user*, senjatament:

16.1. “91: Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road”;

16.2. “92: Do not carry out any manouvre even with the use of signals which may force other traffic to slow down or stop abruptly”;

17.0. Illi konsegwentement jigi sottolineat li bhala *side road user* l-intimat Cilia kellu l-obbligu imprexxindibbli li:

17.1. Juza l-ghola grad t’attenzjoni;

17.2. Izzomm *proper look-out*; u

17.3. Jara li ma kienx ser ifixkel lill-utenti ohra fit-triq principali meta jiddeciedi li jidhol fiha;

18. Illi jirrizulta pacifikament assodat li l-intimat Cilia naqas mill-imsemmija obbligi;

19. Illi ghalhekk jirrizulta palezi li fl-operat tieghu l-intimat Cilia naqas li jzomm dak li-*istandard* minnu rikjest f’dawn ic-cirkostanzi, biex jaccerta ruhha li t-triq principali kienet libera meta hu jsuq u jidhol fiha;

20. Illi konsegwentement l-intimat ghandu jgorr ir-responsabbilita` tieghu fir-rigward;

Ikkunsidrat:

21. Illi fir-rigward tar-***responsabbilita` ta’ Jesmond Scicluna*** jinghad sintetikament is-segwenti:

21.1. Illi hu kien qed isuq fit-triq principali;

21.2. Illi jirrizulta assodat li kien ukoll qed isuq b’velocita` ferm aktar milli koncessa mir-regolamenti tas-sewqan,

(ara paragrafu numru tlettax punt erbgha, (13.4.), u tlettax punt hamsa (13.5.) aktar qabel);

21.3. Illi hi konxja mis-sentenzi lokali li jsosstnu li l-velocita` eccessiva tal-*main road user* fiha nnifisha u wahidha ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinant ghar-responsabbilita` ghall-incident jew bhala fattur kontributorju ghall-istess pero` *nonostante* dan, wiehed dejjem ghandu ara x'kienu l-elementi determinanti li effettivament ipprovokaw l-incident *de quo*;

21.4. Illi ghal dan il-ghan issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Pierre Vella vs. John Schembri*** datata t-***2 t'Ottubru, 2002***, fejn il-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** qalet is-segwenti:

> "Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita` eccesiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta ppruvata, tesponi lid-*driver* sija jekk dan ikun *main road user* u sija jekk ma jkunx, ghal procedura kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta' regolamenti tas-sewqan appositi, tali velocita` eccessiva fiha innifisha ma tistax titqies *a priori* bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita` ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacetement illi l-velocita` eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista' titqies bhala kawza prossima tal-akkadut";

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan il-punt issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Anna Hazzouri vs. Ismail Hazzouri et*** datata t-***30 ta' Gunju, 2006***, li irriteniet li:

> "Fil-fatt hija gurisprudenza kostanti li s-sewwieq fi triq principali m'ghandux jiehu t-tort ta' incident awtomobilistiku minhabba velocita` eccessiva sakemm l-istess velocita` ma tkunx il-kawza prossima ta' dak l-incident";

Ikkunsidrat:

23.0. Illi rizultat tad-dinamika suesposta jistabbilixxi li l-incident in dizamina sehh ghar-ragunijiet segwenti:

23.1. Illi is-sinistrat kien qed isuq il-mutur tieghu b'velocita` ezagerata ta' 101 kilometru fis-siegha; u

23.2. Illi l-intimat Cilia hareg minn triq sekondarja ghal triq principali minghajr il-kawteli dovuti fuq indikati;

Ikkunsidrat:

24. Illi fuq l-iskorta tal-gurisprudenza riferita aktar qabel, il-velocita` wehidha mhix qed titqies *a priori* bhala l-fattur ewlieni determinanti tal-incident;

25. Illi minkejja dan, l-element tal-velocita` in dizamina ma jistax jigi injorat *stante* li kienet l-istess velocita` eccessiva tas-sinistrat Scicluna li wasslet ghar-rizultanzi irrimedjabbli riskontrati u ddeterminat il-fatalita` konsegwenzjali ghaliha;

26. Illi ghandu jkun pacifiku li l-istess velocita` tas-sinistrat ikkontribwiet bi kbir ghall-grad ta' dannu soffert mill-istess;

27. Illi konsegwentement, ghandha tigi addebitata l-istess kontributorjeta` lis-sinistrat Scicluna li kien qed isuq b'velocita` eccessiva daqs dik lill-intimat Cilia li hareg fit-triq principali minghajr id-debiti kawteli u fixkel lis-sinistrat u ssorprendieh;

28.0. Illi l-istess velocita` li s-sinistrat Scicluna kien qed isuq biha:

28.1. La ippermettilu jiehu azzjoni evasiva; u

28.2. Addirittura aggravat l-effetti tal-eventwali impatt;

Ikkunsidrat:

29. Illi stabbilita r-responsabbilita` kontributorja tas-sinistrat Jesmond Scicluna ghandu ghalhekk jigi sottolineat li r-

responsabbilita` tal-incident in dizamina ghandha tkun kondiviza bejn l-intimat Cilia u s-sinistrat Scicluna;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fir-rigward tal-***likwidazzjoni tad-danni*** jinghad sintetikament is-segwenti:

30.1. Illi skont l-artiklu 1045 tal-Kap 16:

"(1) Il-hsara li persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-ghemil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati il-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, t-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib;

(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, x-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara";

30.2. **Damnum Emergens:**

30.2.1. Illi taht dan il-kap ghandhom jigu likwidati s-segwenti spejjez:

30.2.1.i. Dawk relatati mall-funeral: ammontanti ghal elf seba' mija u tmienja u ghoxrin euro, (€1,728.00), ara foll 59;

30.2.1.ii. Dawk rigwardanti t-taxxa tas-successjoni ammontanti ghal sitt mija u tmienja u disghin euro, (€698.00), (ara foll 59);

30.2.1.iii. Dawk relatati, man-nutar u avukat ghall-ftuh tas-successjoni

ammontanti ghal elfejn u zbatax- il euro, (€2,017.00), (ara foll 59);

30.2.1.iv. Dawk rikwardanti l-mutur li skont kif stabbilit fl-inkjesta magisterjali l-ispiza mehtiega ghall-istess hi ammontanti ghal elfejn euro, (€2,000.00), (ara foll 264);

30.2.2. Illi fir-rigward tal-multi rikjamati mir-rikorrenti *nomine* li ghad ghandhom jithallsu lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, jigi sottolineat li *stante* li dan kien obbligu tas-sinistrat li jissalda l-istess multi u licenzja fir-rigward tal-mutur *de quo*, anke meta l-istess kien sekwestrat mill-awtoritajiet ghall-finijiet tal-Inkjesta Magisterjali, dawk l-ispejjes ghandhom jibqghu a karigu tad-*decuius*;

30.2.3. Illi in vista tal-premess is-somma komplessiva ta' danni sofferti mir-rikorrenti *nomine* tammonta ghal sitt elef, erba' mija u tlieta u erbghin euro, (€6,443.00);

30.3. **Lucrum Cessans:**

30.3.1. Illi *ai termini* tal-FS3 ghas-sena 2010 tas-sinistrat, (ara foll 62), jirrizulta li hu kellu introjtu annwali ta' dsatax- il elf hames mija u disa' u hamsin euro, (€19,559.00);

30.3.2. Illi rigward il-***"multiplier"*** jinghad sintetikament is-segwenti:

30.3.2.i. Illi meta sehh l-incident in dizamina, is-sinistrat kellu hamsa u tletin (35) sena;

30.3.2.ii. Illi fid-dawl tal-insenjament tal-***Qorti tal-Appell*** fil-kaz fl-ismijiet ***James Spiteri vs. Joseph Magro et*** datata l-***5 ta' Dicembru, 2014***, ser jigi applikat ***"multiplier"*** ta' ***25***;

30.3.2.iii. Illi f'dan il-kaz partikolari ghandu jkun pacifiku li r-rata ta' dizabilita` applikabbli hi dik ta' ***100%*** *stante* li jirrizulta li hemm il-mewt tas-sinistrat;

30.3.3. Illi rigward il-***"Lump Sum Payment Deduction"*** jinghad sintetikament is-segwenti:

30.3.3.i. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***Annunzjiata sive Nancy Caruana vs. Odette Camilleri***, datata s-***27 ta' Frar, 2004***, li irribatiet is-segwenti:

> "Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhhu l-incident ukoll relattiv";

30.3.3.ii. Illi fis-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Joseph Agius vs. All Services Limited*** datata t-***2 ta' Gunju, 2005***, li rriteniet is-segwenti:

> "...f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa *("lump sum payment")* lill-beneficjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos

b’zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza”;

30.3.3.iii. Illi jinghad fir-rigward li l-kawza giet intavolata fil-21 ta’ Gunju, 2011, (ara paragrafu numru wiehed punt zero, (1.0.), aktar qabel, u foll 1);

30.3.3.iv. Illi l-istess kawza qeghda tigi deciza illum, 7 ta’ Marzu, 2017;

30.3.3.v. Illi konsegwentement, in vista tal-premess il-*“lump sum payment deduction* ghandu jkun ta’ 12%;

30.3.3.vi. Illi ghar-rigward ghat-***tnaqqis ghall-konsum*** jinghad li ghandu jkun pacifiku li kieku ghall-grazzja tal-argument is-sinistrat ma kienx involut fl-incident fatali in dizamina allura parti mill-qligh tieghu kien ovvjament jigi naturalment ikkunsmat minnu stess;

30.3.3.vii. Illi fuq l-iskorta tad-decizjoni tal-***Qorti tal-Appell*** fl-ismijiet ***A. Turner vs. F. Agius et*** datata t-***28 ta’ Novembru, 2003***, din il-qorti taghraf li ghandu jsir tnaqqis ta’ ***25%*** mill-ammont likwidat;

30.3.3.viii. Illi ghalhekk l-ammont ta’ danni taht dan il-Kap ta’ *lucrum cessans* ghandu jigi kkalkolat bil-mod segwenti:

**€19,559.00 (introjtu) x 25 (*multiplier*) x 100% (dizabilita`) – 12% (*lump sum payment deduction*) – 25% konsum personali = €322,723.50;**

Ikkunsidrat:

31. Illi tenut kont tas-suespost id-danni komplessivi allura jikkonsistu fis-segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| ***Damnum Emergens*** | : | **€ 6,443.00** |
| ***Lucrum Cessans*** | : | **<u>€ 322,723.50</u>** |
| **Total:** | | **<u>€ 329,166.50</u>** |

Ikkunsidrat:

32. Illi kif precedentement ritenut kemm is-sinistrat kif ukoll l-intimat ghandhom igorru r-responsabbilita` ghall-akkadut, (ara paragrafu numru disa' u ghoxrin, (29.), aktar qabel);

33.0. Illi in vista tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati din il-qorti hi tal-fehma li l-istess responsabbilita` ghall-incident in dizamina ghandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet, u konsegwentement:

**DECIDE:**

33.1. Tiddikjara li kemm l-intimat Cilia kif ukoll is-sinistrat Scicluna huma ugwalment responsabbli ghall-incident fatali li sehh fil-11 t'April, 2010, fi Triq is-Siggiewi, Haz-Zebbug, li fih tilef hajtu l-istess sinistrat Scicluna;

33.2. Tiddikjara li kemm l-istess sinistrat Scicluna u l-intimat Cilia huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti *proprio et nomine* b'mod ugwali;

33.3. Tillikwida d-danni komplessivi fl-ammont ta' €329,166.50;

33.4. Tikkundanna lill-intimat Jeremy Cilia biex ihallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* nofs l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti, senjatament mija u erba' u

sittin elf, hames mija u tlieta u tmenin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu, (€164,583.25);

33.5. Bl-ispejjez ta’ din il-procedura u bl-imghaxijiet mill-21 ta’ Gunju, 2011, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat fuq indikat.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**